MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 209/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**

**Vs**
David Falzon

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mill-ewwel gimgha ta' Marzu, 2006, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti Civili Sekond'Awla fis-26 ta' Gunju, 2001, naqas li jaghti lil martu Charmaine Grech is-somma ta' Lm40 fix-xahar bhala manteniment ghalija**

**u ghal uliedha fi zmien hmistax il-jum li fiha kellha tithallas dik is-somma.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2006,  li biha, wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,  ma sabitx lill-appellat hati u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta’ Gunju, 2006,  li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok wara li jinstemghu l-provi issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti erronjament iddikjarat li galadarba l-partijiet qatt ma kienu mizzewgin, u l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jittratta dwar konjugi, l-akkuza ma tistax tirrizulta f’ dan il-kaz. Dan ghaliex l-artikolu 338(z) jipotizza zewg sitwazzjonijiet differenti u distinti minn xulxin u cioe’ dik ta’ bejn il-konjugi u dik ta’ kwalunkwe persuna ohra fil-konfront ta’ wliedu, legittimi jew naturali. Inoltre l-aktar element indispensabbli sabiex legalment jissussisti r-reat in kwistjoni hija l-prova li effettivament hemm (kif kien hemm fil-kaz odjern) Digriet jew Ordni ta’ Qorti fil-konfront ta’ persuna sabiex ihallas mantenimenmt lil xi persuna ohra, konjugi JEW xi hadd mit-tfal tieghu jew taghha, legittimi jew naturali;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-punt legali li qed jibbaza l-appell fuqu l-appellant hu li d-dispozizzjoni tal-artikolu 338 (z) ma tapplikax biss ghall-ulied imweldin fiz-zwieg u ghall-mizzewgin.

**Illi s-subartikolu (z) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment hekk :-**

***"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min –***
***(z) meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lill-martu jew tonqos li taghti lil zewgha , is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghalih u , jew, ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma. "*** **(sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Din id-dispozizzjoni hadet post l-artikolu 352 (xx) introdott bl-Att XIV tal-1983 li kien jghid :-**

*"When so ordered by a court fails to give to his wife such sum, fixed by that Court as maintenance for her and, or, his children, within fifteen days from the day on which, according to such order, he should pay such sum".* (sottolinear ta' din il-Qorti)

**Issa kif gja gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. David Scerri" **[16.12.2003], fiz-zewg kazijiet il-kontravvenzjoni kienet u baqghet tikkonsisti fil-fatt li l-konjugi - ir-ragel – jonqos li jaghti lill-konjugi l-iehor "**his wife**" il-manteniment iffissatt u ordnat minn Qorti u bl-ahhar emmenda meta xi wiehed mil-konjugi sija jekk ikun ir-ragel jew il-mara tonqos li thallas lill-konjugi l-iehor is-somma iffissata mill-Qorti jew b' kuntratt jew ghall-dak il-KONJUGI JEW GHALL-ULIEDU. Illi kif inhi din id-dispozizzjoni jidher li tirregola biss inadempjenza fl-osservanza ta' digrieti ta' manteniment jew kuntratti BEJN KONJUGI cioe' PERSUNI MIZZEWGIN. Kjarament is-sitwazzjoni bejn l-appellat u Charmaine Grech mhux wahda ta' zwieg u ghalhekk ma tistax**

**tiskatta d-dispozizzjoni tal-artikolu 338 (z). Illi inoltre, kif inhi l-ligi, isegwi wkoll li l-ulied iridu jkunu tal-<u>konjugi</u>.**

**Koncepibbilment setgha jigi nvokat l-artikolu 338 (y) tal-Kap.9, li kien gie introdott bl-ATT XXI tal-1993 u li jghid :-**

***"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –***
*(y) bhala genitur ihalli lill-uliedu fil-bzonn, jew bhala parti fiz-zwieg thalli l-parti l-ohra fil-bzonn, minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol. "*

**Din id-dispozizzjoni hadet post u ssostitwiet l-artikolu 352 (x) tal-Kap 9 li kien jghid :-**

*"bhala kap tal-familja, ihalli fil-bzonn lill-mara jew lit-tfal, minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont tax-xoghol."*

Issa filwaqt li d-dispozizzjoni l-gdida ma ssemmiex aktar lil kap tal-familja – li necessarjament jimplika stat ta' zwieg – u ssemmi biss persuna li "BHALA GENITUR IHALLI LILL-ULIEDU FIL-BZONN" , u dan allura jkun japplika anki fil-kaz ta' ulied naturali w mwielda barra miz-zwieg , pero' f'dan ir-reat l-element materjali tal-kontravvenzjoni jinkludi mhux il-hlas ta' manteniment ordnat minn Qorti jew miftiehem b'kuntratt, imma l-hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol. Fatti dawn li jridu jigu pruvati oltre n-nuqqas ta' manteniment, fis-sens li dejjem gie ritenut li jekk ma jigux pruvati dawn l-elementi din il-kontravvenzjoni ma tissusistix. F'kull kaz pero' l-appellat ma giex akkuzat ta' din il-kontravenzjoni kontemplata fis-subinciz (y) imma taht dik kontemplata taht is-subinciz (z), fejn ghadu element tar-reat li l-pagatur irid ikun il-konjugi ta' min ghandu jircevi l-pagament.

**Illi' *"in criminalibus"* il-Qorti trid tapplika l-ligi penali b' mod ristrett ghal dak li tghid il-ligi espressament u ma tistax twessa' s-sinifikat ta' kliem li jiftiehem car u f'dan il-kaz jidher car li l-kontravvenzjoni li biha hu akkuzat l-appellat qatt ma tista' tissussisti *"de lege***

***lata"*** **ghax il-persuna li trid tircevi l-hlas tal-manteminent ordnat f' dan il-kaz mhix** "mart" **l-appellat, anki jekk hi omm uliedu naturali. Jekk il-legislatur irid ikopri anki l-eventwalita' ta' nuqqas ta' pagament ta' alimenti anki ghall-uliedu naturali lil xi persuna li ma tkunx il-konjugi, *de lege condenda*, trid issir emenda opportuna.**

**Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, li hu wiehed ta' indoli legali, jidher li hu infondat u l-appellat qatt ma seta' jinstab hati tal-kontravvenzjoni kontemplata taht is-subiniciz (z) tal-art. 338 tal-Kap.9, kif gustament gie ritenut mill-Ewwel Qorti.**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------